**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs.**

**Lindsey Borg**

Numru: 166/2013

Illum it-tmienja (8) ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata **Lindsey Borg**, ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, bint Mario Borg u Giovanna neé Grech, imwielda Pietà, nhar is-6 ta' Novembru 1988 u residenti Jomar, Triq in-Nigret, Rabat, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 511188(M) akkuzata talli nhar it-28 ta' Awwissu 2012 fi Triq Pawlu Inguanez, Rabat ghall-habta tal-18:35hrs:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kienet involuta f'incident stradali bil-konsegwenza li kkagunat offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anna Maria Camilleri (detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-

Numru 73546(M)) hekk kif iccertifikat minn Dr. S. Dessanayake Med Reg No. 5375 (Art. 225, 226 Kap. 9);

2. fl-istess msemmija data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABQ 016 tal-ghamla Opel bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 80) datata 16 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 226(1)(a), 226(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 127(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 taht Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 97), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 80), f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-parti leza.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Rat illi d-difiza ma ressqet l-ebda xhieda ohra.

Rat illi fis-16 ta' April 2015 (*a fol.* 116 *et seq.*) inzamm access fejn sehh l-incident.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2015, is-sottomissjonijiet finali *da parti* tal-konsulenti legali tal-parti leza u tal-imputata (*a fol.* 119 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehdet **Anna Maria Camilleri** (*a fol.* 8 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li fit-28 ta' Awwissu 2012 hekk kif kienet ser titla l-bankina fir-Rabat, wara kappella li tinsab wara l-lok fejn sehh l-akkadut, giet il-vettura misjuqa mill-imputata ghal fuqha u tajritha bil-quddiem tal-vettura. Tghid li l-imputata qaltilha li kienet ghamitha x-xemx. Tghid li bid-daqqa li tatha l-imputata bil-vettura, sofriet ksur fl-ghadam taghha u qieghda tmur ghal *physiotherapy*. Tixhed li ghadha tuza l-krozza u tispjega li ma tista' taghmel xejn: la terfa', la timxi u lanqas toqghod bil-qieghda. Tispjega li kienet diga qasmet it-triq u li kienet diga waslet ghall-bankina li riedet titla. Tghid: *"x'hin ser intella' sieqi hekk tajritni, ghollietni u tajtritni b'quddiem"* (*a fol.* 9). Tghid li aktar il-fuq hemm *sleeping policeman*.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li qasmet pjazza, minn fejn hemm il-hanut tal-merca, ghad-dritt. Tghid li hi zammet mal-vettura tal-imputata, fuq in-naha tax-xufier, billi harget idha tal-lemin. Tixhed li bid-daqqa, l-imputata ghollietha u tefghatha bicca 'l boghod.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehdet ukoll **Dr. Sayuru Dessanayake** (*a fol.* 12 *et seq.*) fejn qalet li l-parti leza Camilleri giet ammessa l-iSptar fit-28 ta' Awwissu 2012. Ikkonfermat ic-certifikat mediku rilaxxat minnha li gie mmarkat bhala Dok. "SD 1" (*a fol.* 14). Ikkonfermat ukoll li l-parti leza Camilleri sofriet griehi ta' natura gravi u li kellha frattura fl-i*spinal cord*.

In kontro-ezami kkonfermat li hija kienet t-tabiba li ezaminat lill-parti leza Camilleri malli din giet ammessa l-iSptar u li fic-certifikat mediku rilaxxat minnha ndikat l-griehi kollha li setghet tinnota.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehdet ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Sarah Magri** (*a fol.* 15 *et seq.*) in segwitu tar-rapport tal-incident stradali mertu tal-proceduri odjerni. Tispjega li l-parti leza Camilleri ttiehdet minn fuq il-post tal-incident b'ambulanza. Tixhed li *sketch* tal-incident ma sarx peress li giet infurmata minn PS 1195 Conrad Debattista li l-vettura kienet giet imcaqalqa minn fejn gara l-incident. Ezebiet numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "SM 1" sa "SM 5" (*a fol.* 18 *et seq.*).

In kontro-ezami taqbel li meta l-parti leza xehdet fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013 hija ma ttiehditx il-Qorti b'ambulanza jew b'*wheel chair* pero kienet assistita minn binha. Tikkonferma wkoll li, dakinhar li xehdet quddiem il-Qorti, il-parti leza kienet mixja wahidha bil-krozzi.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehdet **Katia Stivala** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn qalet li hija fizjoterapista u li l-parti leza Camilleri ddahhlet l-iSptar fit-28 ta' Awwissu 2012 wara li sfat mtajra minn vettura u tghid li kellha frattura fil-*lumbar vertebrae* u damet rikoverata l-iSptar ghal xi gurnata jew tnejn. Tghid li sar *support brace* lill-parti leza Camilleri sabiex setghet tqum.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **Dr. Max Mifsud** (*a fol.* 35 *et seq.*) fuq in-notamenti li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "MM 1" u "MM 5" (*a fol.* 38 *et seq.*). Jghid li l-parti leza Camilleri kellha ksur f'wiehed mill-irkiekel ta' daharha. Jghid li din tissejjah *wedge fracture* li jfisser li peress li l-persuna tkun nizlet bil-qieghda u tkun tghawwget xi ftit il-quddiem, ir-rukkell ikun tghaffeg ftit.

In kontro-ezami jghid li mentri Dok. "MM 1" u "MM 2" (*a fol.* 38 *et seq.*) inkitbu minnu abbazi ta' dak li huwa ra u abbazi ta' dak li qaltlu l-pazjenta, Dok. "MM 3" (*a fol.* 40 *et seq.*) inkiteb minn tabib iehor fl-emergenza, cioé Dr. Sayuru Dessanayake.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **PS 1195 Conrad Debattista** (*a fol.* 44 *et seq.*) rigward l-okkorrenza li hejja hu, liema okkorrenza tinsab immarkata bhala Dok. "SM 1" (*a fol.* 18 *et seq.*). Jispjega li meta huwa mar fuq il-post tal-akkadut sab lill-parti leza bil-qieghda fuq il-bankina. Jghid li kien hemm ukoll l-imputata. Jixhed li dakinhar tal-incident, l-imputata qaltlu: *"Jiena kont ghaddejja mill-imsemmija triq fejn giet ix-xemx fuq wicci minn faccata tieghi u sibt mara anzjana li giet thares fid-direzzjoni tieghi u sibtha ma' wicci fejn din misset mal-vettura tieghi (naha tal-lemin) u waqghet ma' l-art. Jiena nghid li kont ghaddejja bil-mod bil-free u kif dort sibtha ma' wicci f'nofs it-triq. Jiena cempilt l-ambulanza u minn ma' l-art ma erfajthiex"* (*a fol.* 19). Jghid li l-verzjoni tal-parti leza Camilleri ttiehdet xi granet wara fir-residenza taghha u dana peress li meta mar fuq il-post tal-incident kienet gejja l-ambulanza ghall-parti leza Camilleri. Jixhed li Camilleri qaltlu hekk: *"Kont ghaddejja minn Triq Pawlu Inguanez u qsamt it-triq minn fejn hemm hanut u rajt vettura gejja hekk kif kont vicin il-bankina ta' naha l-ohra tat-triq. Kif din il-vettura nizlet mit-triq ta' fejn kont jien u daret lejn id-direzzjoni tieghi, din laqtitni u zammejt mal-vettura fejn bid-daqqa waqqatni ma' l-art"* (*a fol.* 20). Jghid li meta wasal fuq il-post tal-incident il-vettura tal-imputata kienet lehqet giet imcaqalqa u b'hekk ma setghax isir skizz.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-verzjoni ta' Camilleri ttiehdet wara li giet rilaxxata mill-iSptar. Jghid li l-verzjoni ta' Camilleri ttiehdet madwar ghaxart (10) ijiem wara l-incident.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **Godfrey Camilleri** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa iben il-parti leza Camilleri. Jghid li ma kienx prezenti meta sehh l-incident mertu tal-proceduri odjerni. Jghid li mar fuq il-post wara u cempel lill-Pulizija u kif ukoll ghall-ambulanza. Jghid li mal-vettura tal-imputata nnota li kien hemm idejn immarkati fuq il-*bonnet* fuq in-naha tax-xufier. Jghid li dawn kienu fuq in-naha ta' fuq tal-*bonnet*, fuq in-naha tal-*mudguard*. Jghid li huwa cert li l-vettura tal-imputata kienet ta' kulur iswed.

In <u>kontro-ezami</u> mitlub jispjega jekk il-marka li ra kienitx fuq il-*mudguard* jew fuq il-*bonnet* wiegeb li minn ghalih li l-marka kienet fuq il-*bonnet*.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2013, xehed **Paul Camilleri** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn spjega li l-parti leza hija l-mara tieghu u li dakinhar tal-akkadut kien jinsab fil-*garage* u mar persuna jhabbat u qallu li martu kienet ittajret. Jghid li mar fuq il-post tal-incident u sab lill-martu ghal tulha fl-art fuq it-*tarmac*. Jghid li martu kienet miegugha. Jixhed li martu ttiehdet l-iSptar b'ambulanza u li damet hemm jumejn jew tlieta. Jghid li ghas-sitt gimghat ta' wara martu kellha bzonn it-tobba. Jghid li llum il-gurnata martu ghadha tattendi l-iSptar. Jixhed li, qabel l-incident, martu ma kienet tuza l-ebda krozza u li hi bdiet tuzaha minhabba l-incident.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2013, xehed **Mr. Jason Zammit** (*a fol.* 66 *et seq.*) fejn qal li huwa *orthopaedic surgeon*. Jispega li meta l-parti leza ddahhlet l-iSptar irrizulta li kellha ksur f'rukkell tax-xewka ta' daharha. Jghid li l-parti leza Camilleri ddahhlet taht il-kura tieghu ghal gurnata, cioé fid-29 ta' Awwissu 2012 u li l-ghada giet rilaxxatha. Jghid li l-parti leza kellha bzonn *follow-up* bhala *out-patients*. Jghid li ma jirrizultalux li saru xi interventi fuq il-parti leza li jfisser li t-trattament kien wiehed konservattiv. Jghid: *"bhala long term disability jista' jkun hemm, pero jista' ma jkunx ukoll, one has to do a full assessment biex wiehed jara jekk hemmx actual permanent disability or not"* (*a fol.* 67).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2013, xehed ukoll **PC 283 Roderick Borg** (*a fol.* 68) fejn qal li dakinhar tal-akkadut mar fuq il-post tal-incdient flimkien ma' PS 1195. Jghid li l-imputata kienet nehhiet il-vetura taghha minn fuq il-post fejn sehh l-incident. Jghid li xoghlu kien biss li jidderigi t-traffiku.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2013, xehed **Dr. Christian Camenzuli** (*a fol.* 76 *et seq.*) fejn spjega li huwa kien ra lill-parti leza Camilleri darba fl-*outpatients* u dana kien fl-20 ta' Awwissu 2013. Jghid: *"kellha injury qisu sena qabel u li kienet qieghda tikkomplejna b'ugiegh f'daharha. Fl-x-rays ta' qabel kien intwera li wahda mill-*

*vertebrae kienet collapsed, jigifieri kien hemm ksur fil-vertebrae u fl-x-ray li hadtilha jien dakinhar, dak kien 20th. August 2012, fl-opinjoni tieghi kien hemm further collapse, jigifieri l-ksur kien qed jidher aktar"* (*a fol.* 76). Jghid li wara li saret diskussjoni mal-konsulent tal-parti leza, cioé Mr. Joseph Borg, gie deciz li ma kienx hemm bzonn ta' operazzjoni.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, xehed **Dr. Goran Pecotic** (*a fol.* 95) fejn spjega li huwa kien ra lill-parti leza darba biss u dana kien fis-6 ta' Novembru 2012 fl-*outpatients* in segwitu tal-incident stradali li kienet involut fih f'Awwissu 2012. Jghid: *"I saw her three months after the injury, fracture of the lumber vertebrae one, she was treated non-operatively, with the brace for six weeks followed by the phystiotherapy. At the time when I saw her she reported pain in the back, possibility of surgery was excluded by the spinal surgeon Mr. Borg and it was decided that this is permanent conditon"* (*a fol.* 95). Jikklassifika l-griehi sofferti mill-parti leza bhala gravi peress li kellha ksur.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014, xehdet l-imputata **Lindsey Borg** (*a fol.* 99 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-incident kienet qed issuq vettura Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni ABQ 016 liema vettura tghid li hija tal-kumpanija fejn tahdem. Tghid li dakinhar tal-akkadut kienet sejra fi triqitha lejn id-dar u tispecifika li minn fejn sehh l-incident sa fejn toqghod hi hemm madwar zewg minuti mixi. Tghid li hija tghaddi minn fejn sehh l-akkadut kwazi kuljum. Ezebiet tnax-il ritratt mehuda minnha l-ghada tal-akkadut liema ritratti gew immarkati bhala "Picture 1" sa "Picture 12" (*a fol.* 110). Tispjega li hija kienet gejja minn fejn tidher il-vettura ta' kulur silver f'ritratt numru "12". Tghid li kienet ser iddur fuq il-lemin, cioé fejn jidher il-vann ta' kulur *blue* f'ritratt numru "12". Wara li rat ritratt numru "8" tghid li l-marka l-hamra hija li wisgha tat-triq u li fir-ritratt jidher faccata ta' fejn kienet ha tipprova ddur. Tghid li faccata hemm hanut tal-merca. Rat ritratt bin-numru "10" u qalet li riedet ddur fejn hemm il-*vann*. Tghid li minkejja li hemmhekk ma hemmx *Stop Sign*, hija waqfet peress li faccata taghha hemm zewg karreggjati u riedet tara jekk kienx hemm vetturi gejjin minn hemm. Tghid: *"Imbaghad jien waqaft, qed inhares fuq ix-xellug tieghi, harist fuq il-lemin, ergajt harist fuq ix-xellug, harist fuq il-lemin u ha*

*nsuq. Kif ezatt ha nsuq nisma' twerzieqa. Dak il-hin jien waqaft pront u hrigt mill-karrozza biex nara x'gara"* (*a fol.* 102). Mistoqsija mill-Qorti jekk meta semghet it-twerzieqa, kienitx diga qalghet u bdiet mixja jew jekk kienitx ghadha wieqfa, wiegbet: *"Kont b'saqajja fuq il-pedala tal-gass kont ser insuq"* (*a fol.* 102). Tghid ukoll: *"Le ma kontx qeghda nsuq. Issa mbaghad smajt it-twerzieqa u nzilt mill-karrozza. U nara lil Anna Maria mal-art mimduda"* (*a fol.* 102). Ghamlet riferenza ghal ritratt immarkat bin-numru "10" u qalet li Camilleri kienet mimduda fejn hemm it-tabella blu. Tghid li Camilleri kienet mal-art fuq it-*tarmac*. Tghid li kien hemm vetturi li kienu warajha u ma setghux jghaddu u hi (l-imputata) qabdet u caqalqet il-vettura. Tghid: *"fil-verita' lanqas kont naf biss li jiena qeghda nvoluta f'accident ghax jiena ma lqattiex, allura tfajt il-karozza fil-genb"* (*a fol.* 103). Tghid li mexxiet il-vettura quddiem il-*garage* abjad li jidher f'ritratt bin-numru "11". Tghid li hija cemplet ghall-ambulanza u li sa dan it-tant wasal fuq il-post ir-ragel tal-parti leza. Tispjega li cemplet ghall-ambulanza peress li hija kienet l-ewwel persuna li rat lill-parti leza mal-art. Tghid ukoll li fuq il-post wasal iben il-parti leza u li kull ma kellha fil-vettura taghha kienu *fingerprints* ta' fejn il-parti leza messet mal-vettura taghha u li dawn jidhru f'ritratti mmarkati b'numri "1" sa "7". Taghmel riferenza wkoll ghar-ritratti mmarkati b'numri "4" sa "6" u tghid li f'dawn ir-ritratti l-*fingerprints* jidhru cari. Tghid li dawn kienu mal-*mudguard*. Tghid li l-*bonnet* tal-vettura misjuqa minnha ma kienx mghattan. Tghid li ma kellha ebda grief jew haga ohra fil-vettura misjuqa minnha. Wara li saritilha riferenza ghal ritratt immarkat b'numru "9" tghid li l-istat tal-bankina ghadu l-istess. Tixhed li fil-hin tal-akkadut kienet nizla x-xemx u li x-xemx kienet fis-sewqan taghha u li hija kellha n-nuccali tax-xemx u kellha wkoll s-*sunvisor* l-isfel. Tghid li minn fejn kienet il-parti leza hemm il-haxix li jidher f'ritratt numru "12". Tghid li apparti t-twerzieqa li semghet, ma semghet xejn aktar – anqas haga tahbat ma' haga ohra. Tghid li ma kellhiex ir-*radio* mixghul.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li meta tat il-verzjoni taghha lill-Pulizija wara li sehh l-akkadut kienet qalet li kien hemm hafna ostakoli fin-nofs, li l-parti leza marret fil-genb taghha (tal-imputata), u li ma kienx hemm *zebra crossing*. Fir-rigward tal-fatt li fir-rapport tal-Pulizija

rrizulta li lil PS 1195 qaltlu li kellha x-xemx f'wiccha wiegbet: *"Jien li ghidt dak il-hin ghidt li kienet ta' ostakolu pero' ovvjament ix-xemx kienet faccata tieghi u hi giet minn din in-naha"* (*a fol.* 107). Wara diversi domandi dwar jekk fil-hin tal-akkadut kienitx wieqfa jew miexja, tghid li kienet wieqfa (*a fol.* 108). Mistoqsija tghid ghala fl-istqarrija li tat lill-Pulizija hija qalet lill-Pulizija li kienet miexja, wiegbet: *"Forsi thawwadt ma nafx, jiena dak il-hin kont ha naghti l-first, kont ha nsuq ezatt"* (*a fol.* 108). Tghid li ma kellhiex il-handbrake mtella'. Tghid li kienet wieqfa zopptu. Wara li l-Qorti qaltilha li b'hekk riedet tfisser li ma kienitx qed ticcaqlaq, wiegbet: *"Ma jidhirliex li kont qed niccaqlaq"* (*a fol.* 108). Wara li l-Qorti qaltilha li ftit qabel qalet li kienet wieqfa, tghid li kienet wieqfa u li kienet wieqfa zopptu (*a fol.* 109). Wara li nqara lilha dak li hija qalet fl-istqarrija rilaxxata minnha (Dok. "SM 3" – *a fol.* 25 *et seq.*), fejn qalet: *"Kif dort sabiex nohrog, jien qlajt bil-mod nisma' lil xi hadd iwerzaq. Jiena malli smajt hekk il-karrozza ntfiet u nzilt mill-vettura"*, u mistoqsija tghid x'ghandha xi tghid rigward din, wiegbet: *"Mhux l-istess haga?"* (*a fol.* 109).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "SM 3" – *a fol.* 25 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-Ufficjal Prosekutur Magri, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat id-dritt li tikkonsulta ruhha ma' avukat ta' fiducja taghha u hija ma haditx dan id-dritt, tghid: *"Jiena malli kont hierga waqaft totalment sabiex nara jekk humiex gejjin karrozzi [...]. Kif dort sabiex nohrog jiena qlajt bil-mod u nisma' xi hadd iwerzaq. Jien malli smajt hekk il-karozza ntfiet u nzilt mill-karozza. [...] Qed nassumi li din il-mara qasmet minn post li huwa blind spot ghalija, jiena fil-fatt fl-ebda hin ma rajtha lil din il-mara"* (*a fol.* 25). Mistoqsija tghid jekk kienx hemm ostakoli ohra apparti l-*blind spot*, wiegbet: *"Kien hemm is-sigar u ghax blind spot"* (*a fol.* 26). Meta ntqal lilha li lis-Surgent qaltlu li kellha x-xemx f'ghajnejha, u jekk dan hux minnu, wiegbet: *"Dak il-hin kont taht xokk, avoljament jien essacc mhux ghax irrid nghid li ma stajtx nara imma ghaliex kien hemm hafna elementi f'salt. Imma mhux ma rajtiex minhabba x-xemx dak l-importanti ghalija"* (*a fol.* 26). Tghid li hija zgur li ma laqtitiex lill-parti leza. Tghid: *"hi kienet ha taqsam, ratni gejja, hasbitni li ha nolqotha u waqghet fuq daharha ghaliex irreagixxit. Hi idejha gebdithom 'l barra"* (*a fol.* 26).

**Ikkunsidrat**

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata, ikun opportun li l-ewwel il-Qorti taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li l-access li sar fuq il-post flimkien mal-partijiet f'dawn il-proceduri u mal-konsulenti legali rispettivi taghhom ghin lill-Qorti tifhem ahjar minn fejn kienu gejjin u fejn kienu sejrin il-*parti leza* u l-imputata. Ghin ukoll lill-Qorti l-access informali li l-Qorti zammet wahidha fit-28 ta' Awwissu 2015 fil-hin tas-6.35pm, li huwa l-istess hin u l-istess gurnata (ovvjament mhux is-sena!) ta' meta sehh l-akkadut u dana sabiex il-Qorti setghet tifhem ahjar kif tkun id-direzzjoni tax-xemx.

Illi l-Qorti tinnota li da parte taghha l-parti leza Camilleri tghid li hija sfat mtajjra mill-vettura misjuqa mill-imputata. Dan qalitu kemm meta tat id-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti u kif ukoll meta rrilaxxat il-verzjoni taghha lis-Surgent li nvestiga l-incident. Lis-Surgent hija qaltlu: *"Kont ghaddejja minn Triq Pawlu Inguanez u qsamt it-triq minn fejn hemm hanut u rajt vettura gejja hekk kif kont vicin il-bankina ta' naha l-ohra tat-triq. Kif din il-vettura nizlet mit-triq ta' fejn kont jien u daret lejn id-direzzjoni tieghi, din laqtitni u zammejt mal-vettura fejn bid-daqqa waqqatni ma' l-art"* (*a fol.* 20). Minn naha l-ohra, meta l-imputata tat id-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti hija tghid: *"fil-verita' lanqas kont naf biss li jiena qeghda nvoluta f'accident ghax jiena ma lqattiex, allura tfajt il-karozza fil-genb"* (*a fol.* 103). Meta xehdet quddiem il-Qorti, l-imputata tinnega li messet lill-imputata. Meta tat il-verzjoni taghha lis-Surgent *a tempo vergine* l-imputata qaltlu s-segwenti: *"Jiena kont ghaddejja mill-imsemmija triq fejn giet ix-xemx fuq wicci minn faccata tieghi u sibt mara anzjana li giet thares fid-direzzjoni tieghi u sibtha ma' wicci fejn din misset mal-vettura tieghi (naha tal-lemin) u waqghet ma' l-art. Jiena nghid li kont ghaddejja bil-mod bil-free u kif dort sibtha ma' wicci f'nofs it-triq. Jiena cempilt l-ambulanza u minn ma' l-art ma erfajthiex"* (*a fol.* 19). Il-Qorti tinnota li l-istqarrija (Dok. "SM 3" – *a fol.* 25 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-Ufficjal Prosekutur, l-imputata qalet: *"Kif dort sabiex nohrog, jien* ***qlajt bil-mod*** *nisma' lil xi hadd iwerzaq. Jiena malli smajt hekk il-karrozza ntfiet u nzilt mill-vettura"* [emfazi mizjuda].

Illi l-Qorti tinnota wkoll li meta l-parti leza Camilleri tat id-depozizzjoni taghha quddiemha, hija kienet cara u lucida minn dak li kienet qed tghid. Tispjega li kienet qasmet it-triq minn fejn hemm il-hanut il-merca u hekk kif kienet waslet biex titla' l-bankina Ii hemm wara l-kappella li hemm fl-akwati fejn sehh l-akkadut sfat imtajjra mill-imputata. Mhux l-istess jista' jinghad ghad-depozizzjoni moghtija mill-imputata. Hija tghid li minkejja li m'hemmx indikazzjoni biex tieqaf, hija waqfet zopptu. Apparti l-fatt li fl-ahhar mill-ahhar l-imputata affermat li kienet wieqfa zopptu meta sehh l-incident, dan ma jirrizultax li kien il-kaz. Mid-depozizzjoni taghha jirrizulta li l-imputata ma kienitx verament deciza jekk kienitx wieqfa jew mixja fil-hin tal-akkadut. F'illi tghid li kienet wieqfa zopptu u f'illi tghid li ma kienx jidhirlha li kienet qed ticcaqlaq.

Illi minkejja li fil-vettura misjuqa mill-imputata ma jirrizultax li kien hemm grief u ma jirrizultax anqas li kienet mghattna, jirrizulta pero li kien hemm sinjal li l-parti leza Camilleri messet maghha. Dan juri li effettivament il-parti leza verament messet mal-vettura, kif *del resto* tghid hi stess. Minn dan kollu li nghad hawn fuq, jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-parti leza Camilleri spiccat waqghet mal-art minhabba li ntlaqtet mill-vettura misjuqa mill-imputata waqt li din kienet qed tinstaq.

Illi l-Qorti tinnota li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper lookout*. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**[1], il-Qorti ghamlet taghha bran mehud minn decizjoni precedenti[2] u sostniet:

> "Gie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver 'to see what is in plain view"* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10/08/1963] u li *'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout'* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1961])".

[1] Appell Kriminali deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004].

[2] Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD].

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well".*

Illi, minn qari tal-verzjonijiet moghtija mill-parti leza u mill-imputata lis-Surgent li nvestiga dan l-incident, minn dak li xehdu huma quddiem il-Qorti, u minn dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-ferma kovinzjoni li l-incident stradali *de quo* sehh unikament minhabba s-sewqan ta' l-imputata. Jirrizulta li l-kawza prossima tal-incident kien in-nuqqas ta' *proper lookout* da parti tal-imputata altrimenti l-imputata setghet tinduna bil-parti leza qabel sehh l-incident u l-incident kien jigi evitat. Mhijiex skuza li l-imputata setgha kellha x-xemx fid-direzzjoni taghha u ma setghetx tara. Mhijiex skuza anqas li setgha kien hemm il-haxix gholi wara l-kappella. Kieku x-xemx kienet qed itellef il-vizwal tal-imputata b'tali mod li l-imputata ma setghet tara xejn, l-imputata messha ma komplietx issuq ghax setghet tikkawza xi tragedja!

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoché* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-parti leza Camilleri tat lok sabiex sehh l-akkadut u l-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte taghha u b'hekk il-parti leza m'ghandhiex tigi mghobbija bi htija kontributorja ghaliha.

Ghaldaqstant, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh minhabba n-nuqqas ta' *proper lookout* tal-imputata.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Offiza ta' Natura Gravi fuq il-persuna ta' Anna Maria Camilleri)</u>**:
Illi din l-imputazzjoni hija dik ta' griehi gravi involontarji skond l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioé griehi gravi kkawzati minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:
>
> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm*

*dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs. Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs. Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs. Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, huwa car li l-imputata kienet zgur negligenti u traskurata fis-sewqan taghha. Dan qieghed jinghad meta wiehed jikkunsidra dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza u b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra li jirrizulta li l-imputata ma kellhiex il-*proper lookout* li sewwieq huwa rikjest li ghandu jkollu. Minkejja dan, il-Qorti ma tirravizax fis-sewqan tal-imputata dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan perikoluz u bla kont.

Illi fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza, il-Qorti tinnota li fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali jelenka Artikolu 226(1)(a) u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti rigward il-griehi sofferti mill-parti leza:

- Il-parti leza Camilleri (*a fol.* 8 *et seq.*) tixhed li bid-daqqa li tatha l-imputata bil-vettura, sofriet ksur fl-ghadam taghha u kellha tmur ghal *physiotherapy*. Hija tuza l-krozza u tispjega li ma tista' taghmel xejn: la terfa', la timxi u lanqas toqghod bil-qieghda.

- Dr. Sayuru Dessanayake (*a fol.* 12 *et seq.*), li ezaminat lill-parti leza meta giet ammessa l-iSptar dakinhar tal-incident, ikkonfermat ic-certifikat mediku rilaxxat minnha li gie mmarkat bhala Dok. "SD 1" (*a fol.* 14). Hija tikkonferma li l-parti leza Camilleri sofriet griehi ta' natura gravi u li kellha frattura fl-i*spinal cord*.

- Il-fizjoterapista Katia Stivala (*a fol.* 33 *et seq.*) ikkonfermat li l-parti leza Camilleri ddahhlet l-iSptar dakinhar tal-akkadut u li kellha frattura fil-*lumbar vertebrae*. Tghid li l-parti leza damet rikoverata l-iSptar ghal xi gurnata jew tnejn u li sarilha *support brace* sabiex setghet tqum.

- Dr. Max Mifsud (*a fol.* 35 *et seq.*) xehed fuq in-notamenti li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "MM 1" u "MM 5" (*a fol.* 38 *et seq.*). Jispjega li l-parti leza Camilleri kellha ksur f'wiehed mill-irkiekel ta' daharha.

- L-*orthopaedic surgeon* Mr. Jason Zammit (*a fol.* 66 *et seq.*) ikkonferma li meta l-parti leza ddahhlet l-iSptar irrizulta li kellha ksur f'rukkell tax-xewka ta' daharha. Jispjega li ma jirrizultalux li saru xi interventi fuq il-parti leza li jfisser li t-trattament kien wiehed konservattiv. Jghid: *"bhala long term disability jista' jkun hemm, pero jista' ma jkunx ukoll, one has to do a full assessment biex wiehed jara jekk hemmx actual permanent disability or not"* (*a fol.* 67).

- Dr. Goran Pecotic (*a fol.* 95) ra lill-parti leza fl-*outpatients* tlitt xhur wara l-akkadut u spjega li l-parti leza lmentat minn ugiegh f'daraha u li operazzjoni giet eskluza. Jghid ukoll li gie deciz li din kienet kundizzjoni permanenti. Huwa kklassifika l-griehi sofferti mill-parti leza bhala gravi peress li kellha ksur.

- Dr. Christian Camenzuli (*a fol.* 76 *et seq.*), li ra lill-parti leza darba fl-*outpatients* u dana kien f'Awwissu 2013, spjega li fl-opinjoni tieghu l-ksur kien qed jidher aktar u li wara li saret diskuzzjoni mal-konsulent tal-parti leza, Mr. Joseph Borg, gie deciz li ma kienx hemm bzonn ta' operazzjoni.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun

xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza, il-Qorti tinnota li jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda mismugha minnha, u li gew rapportati hawn fuq, li l-griehi sofferti minn Camilleri kienu griehi ta' natura gravi tant li kellha, fost l-ohrajn, frattura f'wiehed mill-irkiekel ta' daharha. Il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat jekk l-offiza kagunata fuq il-parti leza ggibx il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero li huwa zgur huwa li l-offiza in kwistjoni hija wahda gravi. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li effettivament l-Artikolu li l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghalih fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, cioé Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gie effettivament pruvat u ghaldaqstant jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Sewqan b'manjiera Traskurata jew b'mod Perikoluz)</u>**:
Illi f'din l-imputazzjoni l-imputata qed tigi akkuzata li dakinhar tat-28 ta' Awwissu 2012 kienet qed isuq b'manjiera traskurata jew b'mod perikoluz.

Illi ghandha ssir riferenza ghal dak li nghad fil-konsiderazzjonijiet rigward l-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll ghall-gurisprudenza kwotata hemmhekk. Fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni gie konkluz li l-imputata kienet zgur negligenti u traskurata fis-sewqan taghha. Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq rigward sewqan perikoluz, il-Qorti tasal biex tikkonkludi li s-sewqan tal-imputata ma kienx wiehed perikoluz. Ma jirrizultax *speed* eccessiv da parte tal-imputata. Ghaldaqstant, filwaqt li l-imputata ser tigi misjuba hatja ta' sewqan traskurat, m'hijiex ser tigi misjuba hatja ta' sewqan b'mod perikoluz.

**<u>Regolament 127(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 taht Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi dan ir-Regolament gie ndikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju (*a fol.* 80). Dan ma jirrizultax fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata fic-*charge sheet*. Apparti dak li nghad hawn fuq fir-rigward tas-sewqan tal-imputata fil-paragrafu precedenti, jirrizulta li Regolament 127(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 jirrigwarda limiti ta' velocita' ta' vettura. Din hija kontravenzjoni. Ghaldaqstant, jirrizulta li din l-azzjoni hija wahda preskritta u konsegwentement estinta.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilha u li gew pruvati, hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura ta' dawn l-imputazzjonijiet u kif ukoll il-fedina penali (Dok. "SM 5" – *a fol.* 28) tal-imputata, liema fedina penali hija wahda kompletament nadifa.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi kunsidrat l-insejament fid-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.
>
> Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali

> nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".

Illi, tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-azzjoni kriminali taht Regolament 127(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 taht Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta bhala preskritta u konsegwentement estinta, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni ma ssibx lill-imputata hatja li kienet qed issuq b'mod perikoluz u b'hekk tilliberaha minn din il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni, u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 16 ta' Dicembru 2013 u senjatament Artikoli 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Lindsey Borg hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni u ta' dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal sewqan b'manjiera traskurata u tikkundannha multa komplessiva ta' elf Euro (€1,000).

Finalment, il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputata ghal zmien xahar li jibdew jiddekorru minn-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**